

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2022 – Sanrio vs EUIPO – Miroglio Fashion
(SANRIO CHARACTERS)**

(Kawża T-43/22)

(2022/C 119/76)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sanrio Co. Ltd (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentant: V. Schmitz-Fohrmann, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Miroglio Fashion Srl (Alba, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenjuža kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni “SANRIO CHARACTERS” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 565 974

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Novembru 2021 fil-Każ R 2460/2020-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn l-oppożizzjoni ntlaqgħet u l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12 565 974 għiet miċħuda u tħieħad l-oppożizzjoni fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Il-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni globali żbaljata tal-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2022 – International Masis Tabak vs EUIPO – Philip Morris Brands
(Rappreżentazzjoni ta' pakkett sigaretti)**

(Kawża T-44/22)

(2022/C 119/77)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: International Masis Tabak LLC (Masis, l-Armenja) (rappreżentanti: C. Bercial Arias u K. Dimidjian-Lecompte, avukati)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Philip Morris Brands Sàrl (Neuchâtel, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' pakkett sigaretti) – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 434 506 li tindika l-Unjoni

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Novembru 2021 fil-Każ R 261/2021-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tilqa' l-appell u tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, jekk kien il-każ, għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ĝeneralij.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2022 – Santos vs EUIPO (Forma ta' pressa tal-frott taċ-ċitru)

(Kawża T-51/22)

(2022/C 119/78)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Santos (Vaulx-en-Velin, Franza) (rappreżentant: C. Bey, avukat)

Konvenut: L-Uffċċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal trade mark tridimensjonal tal-Unjoni Ewropea (Forma ta' pressa tal-frott taċ-ċitru) bil-kuluri (isfar Pantone 1235 C; aħdar NCS S 3050-G50Y) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 005 754.

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Novembru 2021 fil-Każ R 281/2020-1.

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti għall-finijiet tal-proċedura quddiem l-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 165(2) u (5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625 u tal-Artikolu tad-Deċiżjoni 2020-7 Presidju tal-Bordijiet tal-Appell dwar l-organizzazzjoni tal-Bordijiet.
- Ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill